MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 884/2004

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

**Joecar Limited (C 16195)**

Il-Qorti

Tar-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c fejn gie premess :-

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 29 ta' Jannar 1999, in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok "A"), is-socjeta' intimata ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' Bank of Valletta

p.l.c. fis-somma ta’ hamsa u disghin elf, hames mija u tlieta u sebghin liri maltin (Lm95573) oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv u liema kuntratt gie rez ezegwibbli permezz ta’ ittra ufficjali datata 14 ta’ Novembru, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata bhala dokument “B”;

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta’ jigi ezegwit u d-debitu tas-socjeta’ intimata ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti talbet li tigi awtorizzata tezegwixxi il-kuntratt datat 29 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok “A”) fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ mija u disgha u tletin elf u tlieta u disghin liri maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm139093.97) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ intimata;

Rat li s-socjeta intimata, debitament notifikata, naqset li tidher u naqset li tirrispondi ghar-rikors promotur;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank rikorrenti;

Rat il-vebal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2006;

It-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tal-bank rikorrenti u b’hekk tawtorizza lill-istess bank rikorrenti jezegwixxi il-kuntratt datat 29 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius sabiex tottjeni l-pagament tas-somma indikata fir-rikors promotur oltre l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------